# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 214/14 FDP**

**Public Boadcasting Services Limited**
**(C 13140)**

**vs**

**Roy Chetam Steer**
**(ID 187193M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat mis-socjeta rikorrenti fil 25 ta' Gunju 2014 fejn talbet lill-Qorti tiddikjara lill-konvenut bhala debitur taghha fis-somma ta' sitt elef, mija u tnejn u hamsin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€6,152.52) rappresentanti l-prezz pattwit ghal zandir ta' reklami, messaggi promozzjonali u/jew teleshopping fuq l-istazzjonijiet tat-televizjoni u tar-radju operati mis-socjeta rikorrenti, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma tas-socjeta rikorrenti, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali 2223/13, il-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment u bl-imghax.

Rat illi, fis 7 ta' Lulju 2014, l-intimat inghata Avukat ghall-Ghajnuna Legali, wara talba f'dan is-sens mill-intimat lill-Ufficcju ghall-Ghajnuna Legali.

Rat illi fl-24 ta' Lulju 2014 l-intimat ippresenta l-eccezzjonijiet tieghu fejn sahaq illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-soceta rikorrenti u li kelha tigi kjamata in kawza is-socjeta Malta Jets Limited.

Semghet ix-xhieda ta' **Arthur Galea**, Accounts Executive fi hdan id-Dipartiment tal-Finanzi tas-socjeta rikorrenti, moghtija fid 19 ta' Jannar 2015, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta' **Roy Chetam Steer** moghtija fid 19 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ **Arthur Caruana** moghtija fit 23 ta’ Frar 2015.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2015 is-socjeta rikorrenti oggezzjonat ghal-kjamat in kawza tas-socjeta Malta Jets Limited.

Semghet ix-xhieda ta' **Cliff Agius**, rappresentant tas-socjeta Malta Jets Limited, moghtija fil 5 ta’ Ottubru 2015.

Rat illi fil 5 ta’ Ottubru 2015 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat illi fis 26 ta’ Ottubru 2015 u fis-26 ta’ Novembru 2015 l-intimat ma deherx u ma ppresenta ebda provi u ghalhekk, fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2015 il-Qorti ddikjarat il-provi intimati maghluqa u differiet il-kawza ghal finali trattazzjoni.

Rat illi fl-1 ta’ Frar 2016, l-intimat u l-avukat tieghu regghu ma dehrux u il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi illi kien hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Roy Chetam Steer, f’Lulju 2012, kien qieghed jorganizza kuncert gewa Malta bl-isem ta’ The Australian Pink Floyd Show, ghal liema attivita l-intimat kien ikontratta mas-socjeta rikorrenti sabiex taghmel reklamar varju ghal tali attivita fuq il-mezzi tax-xandir taghha.

Jirrizulta illi l-intimat dahal fi ftehim fit 12 ta’ April 2012 kif ukoll fil 31 ta Mejju 2012, u fiz-zewgt istanzi, l-ftehim minnu maghmulha mas-socjeta rikorrenti (fol 35 u 43) gew iffirmati minnu personalment.

Jirrizulta illi, wara l-iffirmar ta’ tali ftehim u beda jigi pprovdut dana is-servizz, fis 26 ta’ Gunju 2012 is-socjeta rikorrenti giet mgharrfa mill-intimat illi kellhom jibdew johorgu l-invoices f’isem Malta Jets Limited.

Jirrizulta, di fatti, minn xhieda tar-rappresentant tas-socjeta Malta Jets Limited, illi l-intimat kien dahal fi ftehim maghhom dwar l-organizazzjoni tal-kuncert fuq imsemmi.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, illi baghet tipprovdi s-servizz kollu ta’ reklamar kif rikjest mill-intimat sad-data ta’ l-attivita’, talbet lis-socjeta Malta Jets Limited sabiex tigi biex tiffirma d-dokumentazzjoni mehtiega biex tassumi f’isimha s-servizzi ordnati mis-socjeta Malta Jets Limtied, izda qatt ma assumiet tali kontijiet f’isimha.

Jirrizulta, mix-xhieda ta’ Clifford Agius, rappresenetant ta’ Malta Jets Limited, illi ghalkemm kien hemm ftehim bejn is-socjeta Malta Jets Limited u l-intimat, l-obbligi illi l-intimat dahal mas-socjeta rikorrenti ma kienux awtorizzati minnhom u ghalhekk qatt ma riedu jaghmlu tajjeb ghalihom.

Jirrizulta, mix-xhieda ta’ l-intimat stess (fol 23), illi l-kont ghas-servizzi resi, kif esebit a fol 44 ma kienx qed jigi kkuntestat. L-unika kontestazzjoni tieghu kienet il-fatt illi ma kienx hu illi kellu jhallas ghalihom izda kienet is-socjeta Malta Jets Limited.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta car, mill-provi prodotti, illi l-intimat dahal fi zewt ftehim mas-socjeta rikorrenti, ossija wahda fit 12 ta' April 2012 u wahda fil 31 ta' Mejju 2012, u fiz-zewgt istanzi l-intimat iffirma il-kuntratt f'ismu proprju.

Jirrizulta car ukoll illi ghal pretensjoni tieghu li l-kont kellu jithallas mis-socjeta Malta Jets Limited u mhux minnu, rappresentant tas-socjeta Malta Jets Limited iddikjara carament illi huma ma kienux qed jassumu tali kontijiet u ghalhekk ma kienux responsabbli gahlihom peress illi qatt ma gew awtorizzati minnhom.

Jirrizulta car, ghalhekk, illi huwa l-intimat li ghandu jkun responsabbli ghall-hlas ta' tali kontijet, liema kontijiet kienu jirrigwardaw servizz moghti mis-socjeta rikorrenti u li dwaru l-intimat ghamilha cara illi ma kellu ebda kontestazzjoni.

Ghalhekk it-talba kif dedotta tirrizulta ippruvata

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tas-socjeta rikorrenti

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici.

**Tiddikjara** illi l-intimat huwa unikament reponsabbli ghal-hlas tass-servizz moghti mis-socjeta rikorrenti fuq talba tieghu, u ghalhekk

**Tikkundana** lill-intimat Ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' sitt elef, mija u tnejn u hamsin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€6,152.52) kif ahjar deskritt fl-avviz.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif mitluba u imghax kif mitlub ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur